MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1

01 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sur Giorgio Schembri ma kienx preżenti għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill minħabba li kien jinsab imsiefer.

**Is-seduta għall-bidu ġiet immexxija mill-Kunsillier l-iktar anzjan tal-maggoranza tal-Partit li eleġġa l-iktar Kunsillieri fl-aħħar elezzjoni, is-Sur Remigio Bartolo. Dan skont ir-riforma fil-Ligi tal-Kunsilli Lokali li daħlet fis-seħħ fis-26 t'April 2019.**

Il-laqgħa bdiet billi is-Sur Remigio Bartolo ħa postu f'nofs il-mejda. Hu beda billi qal proset lil Kunsilliera li ġew eletti għall-ewwel darba f'dan il-Kunsill, u lil dawk li diġà kienu fil-Kunsill ta' qabel kif ukoll grazzi lil dawk li servew fil-Kunsill ta' qabel u issa m'għadhomx. Ta l-grazzi wkoll lis- Segretarju Eżekuttiv u l-Istaff tal-kontribut kontinwu li dejjem jagħtu.

Filwaqt li awgura lil kulħadd il-ħidma t-tajba matul il-ħames snin li gejjin, għadda għall-proċess ta' ħatra uffiċċjali tas-Sindku u l-Viċi Sindku. Temm billi qal li kien unur għalih li jippresjedi l-ewwel laqgħa u għalhekk għadda mill-ewwel għall-ewwel item fuq l-Agenda.

## 1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

1.1.1 Is-Sur Remigio Bartolo dar fuq is-Sur Cordina u saqsieh jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Cordina aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga u preżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv. Wara sar il-Ġurament tal-Ħatra ta' Sindku, fil-preżenza ta' kulħadd, quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Ian Micallef.

Is-Sur Stefan Cordina ha postu bhalha Sindku ta' Ħ'Attard u beda jippresjedi s-seduta. Hu rringrazzja lir-residenti kollha talli wrew fiduċja sħiħa fih u talli bis-saħħa tagħhom reġa' ġie elett Sindku għall-ħames snin li ġejjin. Hu ta merħba lill-kulħadd u qal li jħares il-quddiem għall-ħidma b'kollaborazzjoni u ftehim bejn kulħadd.

Is-Sur Cordina għadda għat-tieni item fuq l-Agenda.

## 1.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku

1.2.1 Is-Sur Cordina dar fuq is-Sur Alexander Louis Mangion u saqsieh jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Mangion aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga li ġiet ippreżentata lis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Mangion rringrazzja lis-Sindku u lir-residenti ta' Ħ'Attard, filwaqt li ta merħba lill-membri ġodda tal-Kunsill. Hu għadda għall-Ġurament tal-Ħatra quddiem Dr. Ian Micallef fejn ħa l-Ġurament ta' Ħatra uffiċċjalment.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk l-ex Kunsilliera hux se jiġu onorati. Is-Sur Cordina qal li hi prassi li ex-Kunsilliera jingħataw Unur Ħ'Attard waqt is-serata ta' Jum Ħ'Attard u Ġieħ Ħ'Attard.

## 1.3 Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera

1.3.1 Is-Sindku qara r-responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier wieħed (annessi ma' dawn il-Minuti għall-fini ta' servizzi onlajn). X'ħin wasal għar-responsabbiltajiet tas-Sinjura Scerri qal li barra dawk miktuba se jkollha wkoll l-iSports mas-Sur Victor Galea. Qal ukoll li ħafna mir-responsabbiltajiet huma maqsumin bejn tnejn u dan biex ikun hemm bilanċ u l-Kunsilliera jaħdmu flimkien.

## 1.4 Aġġornament

1.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Lulju 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 23 ta' Lulju 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

.